- *seat belt – negliġenza kontributorja*

**FIL-PRIM’AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM, 20 ta’ Ottubru 2022**

**Rikors Nru. 551/2014 GM**

**Silvio (ID Numru 453481M) u**

**Olivia (ID Numru 424481M) konjuġi Frendo**

**vs**

**Rudolph Gatt**

**u b’ digriet tat-28 ta’ Awwissu 2014, il-kumpanija GasanMamo Insurance Limited tħalliet tidħol fil-kawża “in statu et terminis”**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Ġuramentat ta’ Silvio u Olivia konjuġi Frendo li permezz tiegħu wara li ppremettew illi :

1,	Fid-disgħa u għoxrin (29) ta' Mejju tas-sena elfejn u ħdax (2011), għal ħabta tal-erbgħa nieqes kwart ta' filgħodu (03:45am), fi Triq il-Belt Valletta, l-Imdina, seħħ inċident awtomobilistiku meta waqt li l-intimat kien qiegħed isuq il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni HON - 140, ħabat mal-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni XAL - 281, proprjeta' tar-esponent Silvio Frendo u misjuqa minnu [Dok. SOF l];

2.	Konsegwenza ta' dan l-inċident, l-esponenti korrew ġravement, fejn saħansitra l-esponenti Olivia Frendo kienet fir-perikolu li titlef ħajjitha. Illi di fatti, ġie ċertifikat li l-istess Olivia Frendo qed issofri minn debilita' permanenti fir-rata ta' ħamsa u erbgħin fil-mija (45%) mill-konsulenti Mr Raymond Debono, Mr Frederick Zammit Maempel u Dr Josanne Aquilina (Dok. SOF2 sa Dok. SOF4, rispettivament) waqt li l-esponent Silvio Frendo qiegħed isofri minn debilita' permanenti fir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) mill-konsulenti Mr Raymond Debono u Mr Massimo Abela [Dok. SOF5 sa Dok. SOF6, rispettivament];

3.	Għal dan l-inċident u għal konsegwenzjari danni subiti mill-esponenti kien jaħti unikament l-intimat minħabba imprudenza, imperizja, negliġenza u inosservanza tar-regolamenti;

4.	Bħala konsegwenza ta' dan l-inċident, l-esponenti ġarrbu *damnum emergens* li kienu jinkludu spejjeż ta' tobba u mediċinali, telf ta' xogħol u telf ieħor li ser jirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

5.	L-esponenti ġarrbu wkoll *lucrum cessans* riżultat tal-inċident awtomobilistiku *de quo* kaġun tal-fatt li bħala effett dirett tal-inċident, l-istess esponenti soffrew debilita' permanenti riskontrata u aċċertata;

6,	Inoltre, konsegwenza tad-debilita' permanenti sofferta mill-esponenti Olivia Frendo, l-esponenti se jkomplu jinkorru spejjes sostanzjali ta' kura u assistenza ta' natura rikorrenti fil-futur u dan kif jiġi spjegat aħjar waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

7.	Minkejja li l-intimat kien interpellat sabiex jagħmel tajjeb għad-danni subiti mill-esponenti permezz ta' żewġ ittri uffiċjali datati 13 ta' April 2012 u 27 ta' Frar 2014, debitament notifikati lill-istess, huwa baqa' inadempjenti.

Talbu lil din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara lill-intimat Rudolph Gatt unikament responsabbli għall-inċident fuq deskritt u għad-danni kollha li bħala konsegwenza tal-istess ġarrbu l-esponenti;

2. Tillikwida d-danni kollha tal-esponenti konsistenti f'*damnum emergens*, fi spejjeż rikorrenti kif ukoll f'*lucrum cessans* naxxenti mid-diżabilita' permanenti riskontrata u aċċertata, occorrendo bl-opra ta' periti nominandi;

3. Tikkundanna lill-intimat Rudolph Gatt sabiex iħallas lill-esponenti dawk l-ammonti kollha li jiġu dikjarati bħala dovuti minnu lill-esponenti in linea ta' danni.

Rat ir-Risposta Ġuramentata tal-intimat Rudolph Gatt li permezz tagħha eċċepiet illi :-

1. Preliminarjament qiegħda titqajjem l-eċċezzjoni ta' *lis alibi pendens* a tenur tal-artikolu 792 et seq. tal-Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap, 12 tal-Liġijiet ta' Malta) stante illi r-rikorrenti odjerni konjuġi Frendo diġa' istitwew kontra r-rispondent proċeduri ta' arbitraġġ quddiem iċ-Ċentru Malti tal-Arbitraġġ li permezz tagħhom qegħdin jirreklamaw fil-konfront tar-rispondent il-ħlas ta' danni naxxenti mill-istess inċident stradali (M4022/2014 - Citadel Insurance plc et -vs- Rudolph Gatt).

2. Għall-istess raġuni mqajma fl-ewwel eċċezzjoni, l-azzjoni tar-rikorrenti hija intempestiva.

3. Sussidjarjament u mingħajr ebda preġudizzju għas-suesopost, fid-data u l-ħin tal-inċident stradali mertu ta' din il-kawża l-vettura misjuqa mir-respondent u l-istess respondent bħala sewwieq tal-istess kienu debitament assigurati b'polza t'assigurazzjoni skont il-liġi mas-soċjeta' GasanMamo Insurance Limited u għalhekk il-kawża kellha tiġi istitwita kontra l-imsemmija soċjeta' assiguratriċi u mhux kontra r-rispondent.

4. Sussidjarjament ukoll u mingħajr ebda preġudizzju għas-suespost, ir-rispondent mhuwiex responsabbli għall-inċident stradali mertu ta' din il-kawża u għad-danni konsegwenzjali li qed jiġu reklamati mir-rikorrenti u, anke kieku, għall-grazzja tal-argument u *doto ma non concesso*, kellha tiġi attribwita xi ħtija jew responsabilita' lir-rispondent, hemm ukoll ir-responsabilita' kontributorja tar-rikorrenti infushom għad-danni minnhom sofferti stante illi fil-ħin tal-inċident huma ma kinux lebsin *seat belt* (bi ksur tal-liġi) u b'hekk iggravaw u kabbru bil-bosta d-danni minnhom eventwalment sofferti.

5. Oltre dan, dejjem in linea sussidjarja u mingħajr ebda preġudizzju għas-suespost, ir-rati ta' debilita' permanenti ċitati mir-rikorrenti fir-Rikors Ġuramentat promotur huma eċċessivi u eżaġerati kemm individwalment u kif ukoll kumuluttivament stante illi ma ġiex applikat il-prinċipju stabbilit tal-*weighted average*.

Rat ir-Risposta Ġuramentata ta' GasanMamo Insurance Limited bħala odjerna li permezz tagħha eċċepixxa illi :-

1. Preliminarjament jiġi ddikkjarat illi l-esponenti ħarġet polza assikurattiva tat-tip "Third Party Fire & Theft" f' isem George Gatt [lD: 846249M), ossija missier l-intimat, fir-rigward tal-vettura tal-marka Honda Civic bin-numru tar-reġistrazzjoni HON - 140. Din il-polza assikurattiva kellha n-numru "13538 0326010", u l-vettura setgħet tinstaq mill-assikurat George Gatt, minn Rudolph Gatt bħala 'named driver,, u minn kwalunkwe persuna ta' 'l fuq minn ħamsa u għoxrin (25) sena illi tkun awtorizzata minn sid il-vettura George Gatt.

2. Fit-30 ta' Mejju, 2011 - u ċjoe' l-għada illi seħħ l-inċident mertu ta' din il-kawża - infetħet claim mill-assikurat George Gatt u ibnu Rudolph Gatt, permezz ta' liema claim kienu avżaw lill-esponenti bl-inċident illi kien seħħ u kienet ingħatat il-verżjoni tal-fatti illi tidher f'paġna 2 minn 6 tal-claim form annessa u mmarkata bħala Dok. GMI 1. In segwitu ta' din il-claim form, l-esponenti kienet talbet lil George u lil Rudolph Gatt għal iżjed informazzjoni dwar iċ-ċirkostanzi tal-każ, liema informazzjoni ma ngħatatx sħiħa lill-esponenti, u kwindi George u Rudolph Gatt kissru t-termini u l-kundizzjonijiet tal-polza assikurattiva stante illi naqqsu milli jżommu lill-esponenti f'relazzjoni in uberrimae fides. L-esponenti tisħaq illi din l-informazzjoni hija determinanti sabiex jiġi stabbilit it-tort għall-inċident mertu tal-kawża, u dana kif ser jiġi ppruvat aħjar waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

3. Fil-mertu, u mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-talbiet tal-atturi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti u dana stante illi d-danni sofferti minnhom ma seħħewx tort tal-intimat Gatt iżda tort tagħhom stess, u dana stante illi - hekk kif ġie stabbilit fil-konkluzjonijiet tal-inkjesta maġisterjali [Dok. GMI.2] - il-konjuġi Frendo "ma kienux lebsin seat belts u għaldaqstant il-ġrieħi li soffrew setgħu kienu ferm inqas kieku kienu lebsin seat belt kif huwa mitlub mil-liġi'. Kwindi għandhom ikunu r-rikorrenti stess illi jwieġbu għad-danni illi sofrew tort tan-negliġenza u traskuraġni tagħhom stess;

4. Subordinatament għat-tielet eċċezzjoni, u mingħajr preġudizzju għall-istess, in-natura tad-danni reklamati mir-rikorrenti huma kkontestati u kwindi r-rikorrenti għandhom iressqu kull prova valida skont il-liġi sabiex jippruvaw dawk illi attwalment sofrew in linea ta' danni kemm lucrum cessans kif ukoll damnum emergens;

Rat l-atti tal-kawża.

Qrat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

L-atturi qegħdin jitolbu l-likwidazzjoni u ħlas tad-danni li jallegaw li l-konvenut ikkawżalhom f'inċident tat-traffiku stradali. Il-konvenut jiċħad ir-responsabilita` għall-akkadut; f'każ li jġorr xi ħtija, l-atturi kkontribwew għad-danni għaliex ma kinux libsin seat-belt; l-allegati rati ta' diżabilita` permanenti ta' 8% tal-attur u 45% tal-attriċi huma esaġerati u mhux maħduma bil-kriterju tal-*weighted average.*

B'digriet tat-28 t'Awwissu 2014 il-Qorti laqgħet it-talba ta' GasanMamo Insurance Ltd, assikuratriċi tal-vettura tal-konvenut f'isem George Gatt (missier il-konvenut) biex tintervjeni fil-kawża bħala *insurer concerned*.[1] Dwar il-mertu, l-assikurazzjoni għamlet eċċezzjonijiet simili għal dawk tal-konvenut.[2]

***Dinamika tal-inċident.***

L-inċident seħħ fid-29 ta' Mejju 2011 fit-3.45 a.m. fi Triq il-Belt Valletta, l-Imdina. L-attur kien qiegħed isuq Toyota tat-tip *pickup* fid-direzzjoni ta' Ħ'Attard, għan-niżla, b'martu *front-seat passenger*. Ma kinux libsin seat-belt. Il-konvenut kien ġej mid-direzzjoni opposta jsuq Honda. Marret għajnu bih; il-Honda marret fil-karreġġjata l-oħra tat-triq; wrong side, fejn kien isuq l-attur fid-direzzjoni opposta. Seħħet ħabta *head-on*. Il-attur ġarrab ġrieħi gravi u l-attriċi kienet fil-periklu li titlef ħajjitha. Skont l-espert tekniku, il-momentum tal-Honda kien ferm iktar b'saħħtu minn dak tat-Toyota; tant li bl-impatt it-Toyota tmexxiet 1.9 metri lura mill-*point of impact*; anke jekk it-Toyota hija vettura itqal mill-Honda. It-Toyota ħalliet 11.6 metri brake-marks. Il-veloċita` massima f'dik it-triq, li mhix *built-up area* hija ta' 80 kfs. Fir-rapport tiegħu fl-inkjesta Maġisterjali, Mario Buttigieg, espert forensiku fil-kolliżjonijiet, ikkonkluda li ma

[1] Fol 33.
[2] Fol 41.

setax jasal għall-veloċita` li kienu għaddejjin il-vetturi fil-mument tal-inċident.[3] In kontro-ezami stqarr li l-Honda  kienet għaddejja b'ċerta veloċita` imma ma setax jgħid b'kemm; hux per eżempju 60 jew 80 kfs; iżda l-veloċita` tal-Honda kienet ċertament iktar minn dik tal-pickup.[4]

Fir-ritratti ma jirriżultax ħsara fl-*isteering column* tat-Toyota.[5]

Għalhekk ma jirriżultax li l-attur jew il-konvenut kienu jsuqu b'veloċita` eċċessiva.  It-triq mhix f'*built-up area.*

Il-konvenut kien liebes *seat-belt* u  l-vettura tiegħu kienet mgħammra bl-airbag li ntefħet waqt l-inċident.  Kiser il-polz.  Ma ntilifx minn sensih wara l-inċident. Għall-bidu beda jimxi bil-krozzi iżda rkupra wara ftit tal-ġranet.

Jirriżulta li mal-impatt l-attriċi instabtet mad-dashbord, ħabtet rasha mal-*windscreen* u mbagħad iżżerżqet mis-seat għal ġol-gabina taħt id-dashboard.

Tali dinamika ma kinitx isseħħ kieku libset is-seatbelt li ma kienx jippermetti l-impatt vjolenti li sofriet mad-dashboard u li wassal għat-tiċrit tal-aorta; probabilment ma kienx jippermetti l-impatt ta' rasha mal-windscreen u l-ksur tal-iscapula.[6]

Kawża tal-inċidenti, l-attriċi kellha ksur ta' kustilji fuq iż-żewġ naħat ta' sidirha, il-pulmun tax-xellug kien intela' bid-demm u kien imbenġel,  kellha ħsara fl-arterja prinċipali (l-aorta), u kien tkisser f'ħafna biċċiet il-ġewnaħ tax-xellug.

L-attur sofra tiċrita fl-imnieħer, tiċrita fis-sieq il-leminija u injury tal-ispalla x-xellugija; *chest trauma, head injury* u żewġ *forehead lacerations*.

[3] Fol 161
[4] Fol 799
[5] Fol 188.
[6] Kontro-eżami tal-konsulent ex parte Mr. Frederick Zammit Maempel 12.11.2020.

***Responsabilita` għall-inċident.***

Bħala regola ġenerali, vettura li taqsam il-linja medjana, tmur fuq in-naħa l-ħażina tat-triq, u taħbat ma' vettura oħra f'dik in-naħa toħloq indizju ta' sewqan ħażin għaliex is-sewwieq huwa mistenni li jkollu, f'kull waqt, il-vettura taħt il-kontroll tiegħu, u għalhekk tagħti lok għal preżunzjoni ta' ħtija fis-sewwieq.[7] Il-konvenut mhux talli ma ppruvax ixejjen din il-preżunzjoni, talli kkonfermaha billi qal li marret għajnu bih huwa u jsuq, kawża ta' nuqqas ta' rqad fi sforz biex ilesti teżi ta' kors universitarju. Jirriżulta għalhekk li l-konvenut kien unikament responsabbli għall-inċident.

***Negliġenza kontributorja.***

Il-konvenut jattribwixxi negliġenza kontributorja lill-atturi sa 75%; l-intervenuta fil-kawża 25%; l-attur innifsu jaċċetta 15% għalih innifsu; l-attriċi ma taċċetta l-ebda negliġenza kontributorja għax issostni li d-danni kienu jkunu l-istess kieku kienet liebsa seat-belt.

In-negliġenza tfisser it-traskuraġni fit-twettiq ta' dmir dovut lejn ħaddieħor. B'kuntrast ma' dan, in-negliġenza kontributorja tfisser it-traskuraġni li wieħed jieħu ħsieb tiegħu nnifsu. Huwa ttraskurat min imissu jinduna li, jekk ma jaġixxix bħala persuna raġonevolment prudenti, jista' jweġġa' lilu nnifsu.[8] "*It means the failure by a person to use reasonable care of the safety of either himself or his property, so that he becomes blameworthy in part as an 'author of his own wrong*'".[9] Il-vittma tista' ma tkunx il-kawża, jew parti mill-kawża, tal-inċident imma tkun il-kawża tad-dannu jew ta' parti mid-dannu.

---

[7] Untours Insurance Agents Ltd. v. Etienne Saliba 29.01.2004 Prim'Awla; Darren Sammut v. Eric Zammit 29.11.2001 Prim'Awla.

[8] Lord Denning, Froom v. Butcher 1975.

[9] Charlesworth & Percy On Negligence (1997) para. 3-04.

Il-piż tal-prova tan-negliġenza kontributorja jaqa' fuq il-konvenut: *"In order to establish the defence of contributory negligence, the defendant must prove first, that the plaintiff failed to take 'ordinary care of himself' or, in other words, such care as a reasonable man would take for his own safety, and, secondly, that his failure to take care was a contributory cause of the accident".*[10]

Il-konvenut jallega tliet fatturi ta' negliġenza kontributorja mill-atturi: sewqan taħt l-influwenza tal-alkoħol; sewqan eċċessiv, u nuqqas ta' lbies tas-*seat belts*. Min jallega jrid jipprova.

Ma sarux testijiet tan-nifs fuq l-attur. Mistoqsi mill-pulizija jekk xorobx, għażel li ma jweġibx biex ma jinkriminax ruħu. *In civilibus* dan huwa indizju li fil-fatt l-attur kien taħt l-infuwenza tal-alkoħol. Indizju li huwa msaħħaħ bis-sensiela ta' żjajjar f'diversi postijiet ta' divertiment – in-Niċċu Bard, il-Każin tan-Nazzjonalisti tal-Imġarr u Ġianpula qabel ma marru jixtru l-pastizzi mingħand is-Serkin. L-atturi jammettu li xorbu mhux ħażin. Il-konvenut fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu jargumenta li x-xorb seta' wassal biex l-attur ma kienx qiegħed jippresta d-debita attenzjoni għal dak li kien qiegħed jiġri fit-triq quddiemu u jista' jkun li wassal sabiex ma ħax azzjoni evażiva fil-pront. B'danakollu, possibilita` mhix prova. Iktar u iktar meta jirriżulta li l-attur ipprova jevita l-inċident billi għafas il-brejkijiet f'ċerta distanza mill-point of impact u li għalhekk tajjeb jew ħażin induna b'dak li kien hemm fit-triq quddiemu.

Kif ġja` ngħad, m'hemmx prova li l-attur kien qiegħed isuq b'mod eċċessiv.

L-ilbies tas-*seat-belt* huwa obbligatorju bil-liġi. Liġi li saret biex tipproteġi lil min ikun involut f'ħabtiet bil-vetturi. In-nuqqas ta' lbies tagħha juri li l-atturi ma kinux prudenti u ma kinux qegħdin jibżgħu għal saħħithom. B'danakollu, il-

[10] Du Parc, Lord Justice, in re: Lewis v. Denye (1939) 1 K.B. 540 at 554 iċċitat f' Charlesworth & Percy On Negligence (1997) para. 3-12.

konvenut għandu bżonn jipprova mhux biss dan il-fatt, imma wkoll in-ness ta' kawżalita` bejn in-nuqqas tal-ilbies tas-seat belt u d-danni mġarrba mill-atturi.

Rigward il-ħsara fl-aorta tal-attriċi, il-kirurgu Alex Manche`, li opera lill-attriċi wara l-ħabta, u prodott bħala espert ex-parte mill-atturi, xehed li n-nuqqas ta' seatbelt ma kienx se jagħmel differenza f'dan il-każ:[11] "*without the seatbelt you are going to hit the dashboard but the deceleration is the same. The airbags might help with the deceleration. The seatbelt I believe not, airbags may have helped because an airbag is an elastic, the seatbelt hold you rigidly.*[12] Din ix-xhieda iżda tikkuntrasta m'artiklu li kiteb żmien qabel xehed dwar l-importanza tas-*safety belt* u tal-airbags.[13] L-artiklu jikkonsisti *f'case report* u diskussjoni tal-clinical features ta' "*emergency surgical repair of an aortic pseudo-ameurysm with an interposition graft. She* (għalkemm ma jsemmix isimha, huwa ovvju li din hija l-attriċi) *made a good post-operative recovery and represents the first such case in Malta*". Jidher li Mr Manche` salva ħajjet l-attriċi billi għamel intervent kirurġiku *ground-breaking* għal Malta u ta' dan ta' min ineħħilu l-kappell. L-artiklu jgħid "*it is important to consider the possibility of aortic rapture in survivors of automobile crashes.* ***This case highlights the importance of a safety belt and airbags***.[14] L-artiklu għalhekk juża' dan l-inċident partikolari biex juri l-importanza tal-ilbies tas-*seat-belts*. Mhux qiegħed jitkellem dwar il-ħtieġa tal-ilbies tas-*seat-belts* b'mod ġenerali jew statistiku. Li kieku f'dan l-inċident, in-nuqqas ta' *seatbelts* ma kienx jagħmel differenza, ma setax fl-istess nifs juri l-ħtieġa tal-ilbies tagħhom. Ix-xhieda ta' Mr Manche`, bir-rispett kollu, hija kontradittorja, forsi wkoll għaliex ix-xhud kellu ripensament dwar l-effetti kontributorji tan-nuqqas ta' lbies tas-seatbelt. F'dan ma hemm xejn ħażin. Ix-xjentisti mhumiex nies dommatiċi u dejjem miftuħin għar-reviżjoni tal-veduti tagħhom. B'danakollu, ix-xhieda ta' dan l-abbli espert żgur ma tippruvax,

[11]

[12] Fol 301, 302.

[13] Artiklu ppubblikat fil-Malta Medical Journal issue 3 (2012) minn Mr. Alexander Manche et. al., a fol 290.

[1414] Ara fol 292.

almenu f'għajnejn il-Qorti, li l-użu tas-*seatbelt* ma kienx jagħmel differenza, kif jallegaw l-atturi.

Mr Frederick Zammit Maempel xehed li bis-*seat belt*, il-probabilita` hi li ma kinitx tkisser il-ġewnaħ ta' spallitha.[15]

Min-naħa l-oħra, Mr Galea Debono wieġeb li ma jistax jgħid *with any degree of certainty* li kieku attriċi libset seat belt, it-trawma kien jiġi evitat. *Unfortunately, people who are wearing a seat-belt still die in severe car accidents.*[16] L-espert mediku Alec Sultana Orthopaedic and trauma specialist, b'riferenza għad-danni sofferti minn Silvio Frendo xehed li s-*seat-belt* ma jirrestrinġix is-saqajn. Jgħid li d-dashboard setgħet resqet lura lejn is-sewwieq.[17] Dan iżda ma jirriżultax mir-ritratti tal-inċident, li ma jurux li d-dasbord jew l-i*steering wheel* iċċaqalqu bl-impatt. Min-naħa l-oħra, lanqas ma jfisser li bis-*seat-belt* l-attur ma kienx xorta jaħbat ma' xi parti tal-vettura bl-impatt. Dr Josanne Aquilina[18] xehdet li ma setgħetx tgħid li kieku kienet liebsa *seat-belt* x'*injury* kien ikun hemm.[19]

L-espert tat-traffiku fl-inkjesta maġisterjali rrelata li d-danni setgħu kienu ferm inqas kieku kienu libsin seat belt kif huwa mitlub mil-liġi.[20]

L-intervenuta fil-kawża esebiet għadd ta' studji xjentifiċi ppubblikati f'ġurnali tal-mediċina li juru li d-deformazzjoni tat-*thorax* isseħħ bi frekwenza **ferm ikbar** meta ma jkunx qiegħed jintlibes seat-belt u hija assoċjata ma' mpatt mal-*isteering wheel* fil-każ tax-xufier u mad-*dashboard* fil-każ tal-passiġġier ta' quddiem.[21] Dawk li jilbsu s-seat-belt kellhom riskju inqas b'mod sinifikanti irrispettivament

[15] Fol 768
[16] Fol 834.
[17] In eskussjoni fol 837.
[18] Fol 229
[19] Fol 783
[20] Fol 164.
[21] Injury Mechanisms of Aortic Raptures to Vehicle Occupants and Vulnerable Road Users – an In-Depth Investigation Over Time. Studju bbażat fuq riċerka fuq medda ta' 40 sena fil-Ġermanja bejn 1973 u 2014.

minn jekk il-vettura kellhiex airbag jew le.[22] Bla dubju dawn l-istudji juru bħala regola ġenerali grad sinifikanti ta' negliġenza kontributorja ta' min jagħżel li ma jilbisx is-*seat belt.*

L-impatt tassew kien wieħed ta' ċerta qawwa, attribwibbli l-iktar għan-nuqqas tal-konvenut li jagħfas il-brejkijiet. Iżda ma kienx tant qawwi li s-*seat-belt* kien ikun għalxejn. Indizju ta' dan huwa l-fatt li l-konvenut, li kien qiegħed isuq vettura eħfef minn dik tal-attur, kiser il-polz t'idu iżda apparti minn hekk ma jidhirx li ġarrab ġrieħi oħra permanenti u wara ftit tal-ġranet jimxi bil-krozzi saħħtu rkuprat sewwa. Dan meta kellu s-*seat-belt* u l-*airbags*. Għalhekk dawn kienu effettivi fl-inċident biex taffew l-*injuries* tal-konvenut. Preżumibilment għalhekk kieku jkunu wkoll effettivi, ftit jew wisq, fil-każ tal-atturi. Il-Qorti tqis li l-parti fejn kien hemm is-sewwieq u l-passiġġier ma ġewx danneġġjati sostanzjalment bl-inċident u lanqas għaffġu lill-passiġġiera.

Meqjusin iċ-ċirkostanzi kollha, l-Qorti ssib negliġenza kontributorja ta' 25% fl-atturi, minħabba n-nuqqas ta' lbies tas-seatbelt.

***Grad ta' diżabilita`.***

Skont l-esperti mediċi maħturin mill-Qorti, l-attriċi sofriet dawn ix-xorti ta' debilita`:

5% mil-lat ortopediku (Mr Alec Sultana).

25% mil-lat newroloġiku (Mr Anthony Galea Debono).

13% mil-lat ta' ċikatriċi (Mr Duncan Aquilina).

---

[22] Journal of Trauma Injury, Infection and Critical Care – Motor Vehicle-related Cardiac and Aortic Injuries differ from other Thoracic Injuries (2007)

B'danakollu d-diżabilita` totali, skont il-ġurisprudenza, mhix it-total ta' dawn id-diżabilitajiet mediċi. Dan għal diversi raġunijiet; fosthom:

- "*The fixation of damages is so largely a matter of opinion or of impression that differences of* calculation *or assessment are to be expected. There is to some extent an exercise of judicial discretion".* [23]

- Id-diversi gradi ta' diżabilità permanenti riżultanti jiġu kkunsidrati in relazzjoni mal-persuna fiżika sħiħa mingħajr ebda preżunzjoni a priori li l-multipliċità tal-feriti jiġu komputati komplessivament. Bil-weighted average, għandu jittieħed bilanċ tar-riżultanzi tal-esperti mediċi biex dan ikun jirrifletti aħjar is-sitwazzjoni reali tad-danneġġjat[24] Fi kliem il-**Gentile** (ibid., pagna 311), "*la valutazione del danno in caso di lesioni multipli non risulta dalla somma dei coefficienti delle singole lesioni, sebbene da un cioefficienti unico, rapportato, nel suo insiene, all'entita` unitaria dell'individuo".*[25] U fi kliem l-**Onor. Imħallef J.R. Micallef**, il-Qorti tkun tista' tasal biex tillikwida somma ta' danni xierqa u mistħoqqa bħala kumpens, huwa ta' siwi ewlieni u għal kollox desiderabbli li, safejn possibbli, tkun taf il-ħsara mġarrba mill-vittma kemm sejra tolqot lill-istess vittma fl-assjem tal-attività tagħha kollha u mhux biss fl-użu ta' dik il-parti tal-ġisem li tkun indarbet. B'dan il-mod, il-Qorti temmen fis-sħiħ li tkun qiegħda tevita li tasal għal-likwidazzjonijiet li jew ikunu sproporzjonati mal-ħsara sħiħa li l-vittma tkun ġarrbet tassew, jew iwasslu għall-possibilità li l-vittma "takkumula" perċentwali ta' debilità li donnhom

[23] *Per Morris L.J. in Scott v Musial.*

[24] (Cassar Pullicino noe et vs Xuereb et, App. 20.02.2009)."

[25] Guido Gentile fil-ktieb "Problemi insaliti nella valutazione del danno della persona" (ediz. 1951 pagna 311.

"jippremjawha" kumulativament b'mod sempliċement matematiku.[26]

- Dawn il-Qrati jsegwu s-sentenza **Butler vs Heard** fejn intqal li dak li jrid jiġi stabbilit ma huwiex il-grad ta' inkapacita` f'sens purament mediku, iżda l-effett illi l-ħsara personali ghandha fuq il-qliegħ tad-danneġġjat. L-**Artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili** jagħmilha ċara illi l-komputazzjoni tad-danni ssir a bażi tad-danni patrimonjali soffert minn dik il-persuna, u għalhekk il-Qorti bilfors trid tallaċċja l-komputazzjoni tal-*weighted average* mal-impatt illi d-diversi menomazzjonijiet li sofra l-appellant jista' jkollhom fuq il-kapacita` lavorattiva u l-qliegħ futur tieghu. Għalhekk il-perċentwali ta' diżabilita` li trid tiġi stabbilita ma tirriflettix il-grad ta' inkapacita` f'sens purament mediku iżda fuq l-effett illi din għandha fuq il-qliegħ tad-dannegjat.[27]

Skont l-atturi, ir-rata totali ta' diżabilita` tal-attriċi hija ta' 38%. Id-ditta assikuratriċi ta' missier il-konvenut taqbel ma' din ir-rata.[28] Il-konvenut ma jaqbilx u jissottometti li din il-Qorti għandha ssewgwi l-formola addottata f'sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell riċentissima.

Il-formola, applikata għal żewġ tipi ta' debilitajiet fl-istess persuna kienet din:

(persentaġġ X v persentaġġ X) + (persentaġġY x persentaġġ Y) = R

Imbagħad R / (persentaġġ X+ persentaġġ Y).

Applikata għall-każ preżenti, fejn hemm tliet debilitajiet, il-formola, dejjem skont l-atturi, tinħadem hekk:

---

[26] Darren Vella v. Ryan Sciberras 07.07.2021 Prim'Awla (Onor. Imħ. J.R. Micallef).
[27] Din il-Qorti tas-6 ta' Ottubru, 2020, fil-kawża fl-ismijiet **Silvan Farrugia v. Carmelo Gatt et.**
[28] Ara nota ta' sottomissjonijiet tagħha a fol 1177.

(5 x 5) + (13 x 13) + (25 x 25) = 819.

819

--------------- = 19%

(5 + 13 + 25)

Din il-Qorti sejra taddotta persentaġġ ta' 19%. Dan mhix qed tagħmlu sempliċiment billi tuża' l-formola użata mill-Onorabbli Qorti tal-Appell imma wkoll billi tieħu kont tal-fatt li l-menomazzjoni bijoloġika tal-attriċi mhix daqshekk serja li timmerita persentaġġ ta' 38%. Jirriżulta li wara l-aċċident, l-attriċi, li dak inhar kienet mara tad-dar, ħarġet taħdem fl-ironmongery ta' żewġha tagħmel xogħol ta' ċertu strapazz. L-effiċjenza industrijali tagħha wara l-inċident żgur baqgħet waħda għolja mhux ħażin.

***L-attriċi - damnum emergens.***

L-attriċi tallega li ħallset għax-xiri ta' erba' tipi ta' medicini u li dawn sejra tkompli tixtihom tul ħajjitha kollha. Imma ma ppruvatx li ngħatat ordni f'dan is-sens.

Il-mediċina Lyrica (jew Pregabalin) intiża biex tagħmel tajjeb għall-ħruq, ma ġietx ikkonfermata mill-esperti mediċi. Saħansitra espert imqabbad mill-attriċi nnifisha *ex parte* irrelata li *"Neurological examination of the lower limbs revealed symmetrical reflexes, and normal sensation down either limb. Motor power was normal in all muscle groups. Ms Frendo walked without a limp. She was able to walk on tiptoes and on her heels*.[29] L-espert mediku Mr Alec Sultana xehed li "*A MRI of the brain on the 5$^{th}$ February 2013, did not reveal any brain*

[29] Mr. Frederick Zammit Maempel fol 17.

*injuries which would explain the persistent neuropathic burning in her lower limbs… neurological examination of the upper and lower limbs was completely normal”… Repeated scans of her spine have excluded the presence of a spinal fracture or significant disc to explain lower limb neurological problems*.[30] Dr Josanne Aquilina, espert imqabbda ex parte mill-attriċi, xehdet li l-Lyrica ma tittiħidx bilfors għal għomor il-pazjent imma tintuża’ skont is-sintomi u għal tul ta’ żmien kemm ikun hemm bżonn.[31]

L-attriċi ġabet prova li ħadet din il-mediċina mid-data tal-inċident sas-sena 2013 u mhux ukoll wara.[32] Lanqas ipproduċiet riċetti tat-tobba fir-rigward. L-attriċi tilfet kull kuntatt ma’ Dr Josanne Aquilina.[33]

In-Neurorubina Forte u Magvit B6 m’humiex mediċinali imma food suppliments li jista’ jixtrihom kulħadd anke biex jissupplimenta d-dieta regolari. Ebda ordni medika ma ġiet prodotta li tobbliga lill-attriċi teħodhom.

S Oropran hi antidepressant, preskritta mit-tabiba tal-familja Dr Charmaine Donath, li xehdet li dawn jittieħdu għal xi xahrejn jew tlieta u mhux għal dejjem. Qatt ma tingħata open prescription. L-attriċi ilha s-snin ma tara lil din it-tabiba.

Ħafna riċevuti mill-ispiżerija ma jurux x’inxtara;[34] oħrajn ma kellhom x’jaqsmu xejn mal-inċident; l-anqas l-attriċi nnifisha ma kienet taf għal xiex jirreferu.[35]

Kif sewwa rrileva l-konvenut, hemm ċerti dubji dwar kemm ċerti riċevuti kellhom x’jaqsmu mal-inċident – bħal *parking area* u xiri ta’ servizz tat-*television.*

[30] Fol 587.
[31] Fol 231.
[32] Prospett ta’ danni fol 366.
[33] Kontro-eżami ta’ Dr Aquilina fit-12 ta’ Novembru 2020.
[34] Fol 430D, Fol 430E.
[35] Kontro-eżami tal-attriċi tas-16 t’April 2019.

Il-konvenut jikkontesta, għal dawn ir-raġunijiet, riċevuti minn fol 366 u wara li jammontaw għal €2,026.78.[36]

Il-maġġor parti tal-mediċina msemmija mill-attriċi tingħata b'xejn, ħlief għal S Oropram li jingħata sostitut tagħha. L-attriċi iżda qatt m'applikat għal dawn il-mediċini b'xejn.[37]

L-attriċi qiegħdha titlob kumpens permanenti għal għajnuna fil-faċendi tad-dar. B'danakollu, fi kliem wieħed mill-konsulenti ex-parte tal-attriċi stess, l-attriċi kien sejjer ikollha "kemm kemm inkonvenjent" biex tkompli b'dan it-tip ta' xogħol.[38] Ebda prova ma ġiebet dwar il-persuna jew persuni li qabbdet f'dan ir-rigward.

Kif diġa` ġie aċċennat, wara l-inċident l-attriċi ħarġet taħdem ma' żewġha fl-ironmongery – xogħol ta' strapazz iktar mix-xogħol tal-faċendi fid-dar.

It-total tal-ispejjeż attwali sborżati huma, skont l-attriċi €4,370.13. In vista li ċerti partiti mhumiex ippruvati li huma tabilħaqq medicini, il-Qorti sejra takkorda danni ta' €4,000 biex ma toqgħodx tidħol f'ħafna dettalji żejda. Lanqas sejra tieħu kont li dawn il-mediċini, jew il-parti l-kbira tagħhom, setgħu jiġu miksubin b'xejn; anke għaliex forsi fl-inkwiet ta' wara l-inċident wieħed jifhem li ma jkunx f'sikktu biżżejjed biex joqgħod japplika għall-mediċini. Tenut kont tal-25% responsabilita` kontributorja, l-attriċi għandha tieħu €3,000.

***L-attriċi – multiplier.***

L-attriċi tgħid li, tenut kont li kellha 29 sena meta seħħ l-inċident, għandu jiġi applikat multiplier ta' 36 sena – jiġifieri sal-eta` tal-irtirar ta' 65 sena. Il-konvenut jgħid li l-multiplier għandu jkun ta' 23. L-intervenuta fil-kawża tgħid

[36] Fol 1147, para 97 tan-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenut.
[37] Kontro-eżami tal-attriċi 16 t'April 2019.
[38] Mr Frederick Zammit Maempel fol 225.

li l-*multiplier* għandu jkun ta' 30 sena.  Il-Qorti taqbel mal-kriterju addottat mill-intervenuta, billi dan jieħu in kunsiderazzjoni ċ-*chances* u ċ-*changes of life* skont tnaqqis konformi ma' tabella addottata minn *Azzopardi v. Awtorita`*[39] anke jekk minn dakinhar 'l hawn l-eta` tal-irtirar ogħliet b'xi sentejn jew tlieta.

***L-attriċi – dħul medju fis-sena.***

Hemm qbil li għandha tittieħed bħala punt tat-tluq il-paga minima dakinhar tal-inċident, li kienet €7,979.40, u li din tiżdied b'20% biex tieħu qies tal-inflazzjoni tul il-perjodu lavorattiv tal-attriċi.  L-intervenuta fil-kawża taqbel ma' dan il-kriterju.  Il-konvenut ma jaqbilx u jsostni li trid tittieħed l-inflazzjoni fuq 5 snin.  Dan iżda ma joffrix ir-restitutio in integrum għall-ħajja li preżunta tibqa' togħla tul madwar 20 sena.  Għalhekk il-medja tal-introjtu għandu jkun ta' €9,575.28.

***L-attriċi – tnaqqis ta' lump sum.***

F'dan il-każ għaddew 11-il sena mill-inċident u għalhekk m'hemmx lok għal tnaqqis tal-lump sum.

***Komputazzjoni tal-lucrum cessans tal-attriċi.***

€9,575.28 annwali  x 30 sena x 19% (diżabilita`)  = €54,579.096.

€54,579.096 x  75% = €40,934.32.

[39] Tabella li tinstab in re:  Anthony Azzopardi v Awtorita` dwar it-Trasport f'Malta, 8 ta' Marzu 2012,  (il-mibki Onor. Imħ. Lino Farrugia Sacco).

***L-attur – multiplier.***

Meta seħħ l-inċident, l-attur kellu 30 sena. Bl-istess kriterji li użat mal-attriċi, l-Qorti sejra tagħti multiplier ta' 29 sena.

Skont l-attur, il-multiplier hu ta' €41,000. Fuq din il-figura taqbel l-intervenuta in kawża.[40]

***L-attur - rata ta' diżabilita`.***

3% mil-lat ortopediku (Mr Alec Sultana)

5% mil-lat ta' ċikatriċi (Mr Duncan Aquilina)

Skont l-attur, u l-intervenuta fil-kawża, allura d-disabilita` totali hija ta' 8%; skont il-konvenut 4%[41] skont il-formola ta' Rhys Ellul Sullivan v Zachary Vella suċċitata.

***L-attur - damnum emergens.***

L-attur qiegħed jitlob somma totali ta' €2,735.45 li minnhom €1,994.75 jirrapreżentaw telf ta' mpjieg. Ebda prova ma ġab dwar din l-aħħar ħaġa. Jifdal €790.70 li huma ppruvati. Bit-tnaqqis tal-ħtija kontributorja, l-ammont dovut taħt dan ir-ras huwa ta' €593.03.

***L-attur - lucrum cessans.***

€41,000 annwali x 29 sena x 4% = €47,560.

€47,560 x 75% = €35,670.

---

[40] Fol 1179.

[41] Ara fol 1160 para 150 tan-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenut.

***Decide*:**

Għal dawn il-motivi l-Qorti:

1. Tilqa' in parte l-ewwel talba billi tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli għall-inċident li seħħ fid-29 ta' Mejju 2011 fi Triq il-Belt Valletta, l-Imdina, u għal ħamsa u sebgħin fil-mija (75%) tad-danni li batew l-atturi.

2. Tilqa' t-tieni talba billi tillikwida d-danni fis-somma ta' €48,350 għall-attur u fis-somma ta' €58,579.10 għall-attrici.

3. Tilqa' t-tielet talba billi tikkundanna lill-konvenut iħallas ħamsa u sebgħin fil-mija (75%) tad-danni hekk likwidati u ċjoe` €36,263 lill-attur u €43,943.32 lill-attriċi.

Bi tliet kwarti tal-ispejjeż inklużi dawk tal-ittri uffiċjali tat-13 t'April 2012 u tas-27 ta' Frar 2014; u dik ippreżentata kontestwalment mar-rikors ġuramentat a karigu tal-konvenut u kwart ghall-atturi bl-imgħax legali mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-eventwali ħlas effettiv.

Moqrija.

GRAZIO MERCIECA

IMĦALLEF